MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-16 ta' Diċembru, 2022

Appell Inferjuri Numru 157/2019 LM

**L-Avukat Dottor John Bonello (K.I. nru. 534080(M))**
*('l-appellat')*

***vs*.**

**Publius sive Leo Said (K.I. nru. 0279449(M))**
*('l-appellant')*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat **Publius sive Leo Said (K.I. nru. 0279449(M))** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'] mis-sentenza mogħtija fit-2 ta' Mejju, 2022, [minn issa 'l quddiem 'is-sentenza appellata'] mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) [minn issa 'l quddiem 'l-ewwel Qorti'], li permezz tagħha ddeċiediet ir-rikors tar-rikorrent **l-Avukat Dottor John Bonello (K.I. nru.**

**534080(M))** [minn issa ’l quddiem ‘l-appellat’], billi ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-appellant u laqgħet it-talba tal-appellat, filwaqt li ddikjarat li l-filmat ippubblikat mill-appellant fuq Facebook fit-22 ta’ Lulju, 2019, huwa libelluż u malafamanti fil-konfront tal-imsemmi appellat, u kkundannat lill-appellant iħallas lill-appellat is-somma ta’ €3,000 bħala danni morali, flimkien mal-ispejjeż.

**Fatti**

2. Il-fatti tal-każ odjern jirrigwardaw filmat li l-appellant ippubblika fit-22 ta’ Lulju, 2019 fuq il-pjattaforma elettronika *Facebook,* fejn l-imsemmi appellant deher f’konversazzjoni telefonika ma’ terzi.

**Mertu**

3. L-appellat istitwixxa dawn il-proċeduri quddiem l-ewwel Qorti permezz tal-preżentata ta’ rikors fit-23 ta’ Lulju, 2019 fejn ħarrek lill-appellant sabiex jgħid għaliex m’għandux jiġi kkundannat minn dik il-Qorti sabiex:

> *“...prevja dikjarazzjoni li pubblikazzjoni ossia immaġni viżwali (video) li inti ppubblikajt nhar it-Tnejn 22 ta’ Lulju 2019 għall-ħabta tat-2.32pm permezz ta’ pjattaforma elettronika* online *ossia l-portal “*Facebook*” fejn il-konvenut jidher f’konversazzjoni permezz tat-telefon liema konversazzjoni hija traskritta fid-dokument anness u mmarkat “Dok. X”, hija libelluża u malafamanti fil-konfront tal-attur, tħallas lill-attur somma li ma teċċedix ħdax-il elf sitt mija u erbgħin euro (€11,640) in linea ta’ danni morali u dan a tenur tal-Kap. 579.*
>
> *B’applikazzjoni tal-Art. 14 tal-Kap. 579, il-Qorti hija umilment mitluba tordna lill-konvenut ineħħi l-pubblikazzjoni malafamanti mis-sid elettroniku fejn ġiet pubblikata.*
>
> *Bl-ispejjeż kontra l-konvenut li minn issa huwa ingunt in subizzjoni.”*

4. L-appellant wieġeb fid-9 ta' Ottubru, 2019 fejn ippreżenta wkoll talba rikonvenzjonali fejn talab lill-ewwel Qorti kif ġej:

*"(1) Taqta' u tiddeċiedi li l-allegati insinwazzjonijiet u talbiet tar-Rikorrent Dr. John Bonello huma fil-verità frivoli u vessatorji u li din il-kawża qegħda ssir biss biex issir pressjoni fuq l-istess Esponent Publius sive Leo Said kif ukoll fuq il-mara tiegħu, ossia s-Sinjura Inna Valentinovna Said (K.I. 0133915 L), biex jċedu kull pretensjonijiet li attwalment għandhom anke kontra l-istess Rikorrent Dr. John Bonello u/jew kontra xi klijenti partikolari tiegħu u li għandhom b'xi mod x'jaqsmu ma' per eżempju l-kawża "il-***Pulizija vs Massimo Bonello;"***

*(2) Taqta' u tiddeċiedi billi tiddikjara li r-Rikorrent Dr. John Bonello xjentament, malizzjożament u dolożament apposta u dejjem* ***IN MALA FEDE*** *kien talab lill Din l-Onorabbli Qorti jogħġobha li s-sib l-Esponent Konvenut Publius sive Leo Said ħati ta' xi ħaġa li hu qatt ma verament qal u li dan kollu sar mir-Rikorrent Dr. John Bonello apposta* ***IN MALA FEDE*** *u dejjem b'abbuż u dejjem a spejjeż ta' l-istess Esponent Konvenut Publius sive Leo Said;*

*(3) Tiddikjara li r-Rikorrent Dr. John Bonello xjentament, malizzjożament u dolożament apposta u dejjem* ***IN MALA FEDE*** *qed jilledi d-drittijiet fundamentali tal-esponent għal smigħ xieraq (Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta) speċjalment meta daħħal ir-Rikors tiegħu tal-31 ta' Lulju 2019;*

*(4)* ***Tikkunsidra li tagħti dawk il-provvedimenti xierqa u neċessarji sabiex jiġu protetti d-drittijiet inerenti u kostituzzjonali ta' kemm il-Prim Ministru ta' Malta, kif ukoll tad-Direttur ta' Dawn l-Onorabbli Qrati, ossija tas-Sur Mercieca u kif ukoll tal-Esponent Konvenut Publius sive Leo Said, kif ukoll finalment kontra l-interessi tal-mara tal-istess Esponent Konvenut Publius sive Leo Said, ossia s-Sinjura Inna Valentinovna Said (K.I. 0133915L);***

*(5) Tikkundanna lir-Rikorrent Dr. John Bonello jħallas lill-Esponent Konvenut Publius sive Leo Said danni mhux biss dawk materjali imma wkoll danni mhux materjali minħabba dan il-qerq sfaċċat tiegħu;*

*(6) Tordna lir-Rikorrent Dr. John Bonello jġib fix-xejn din l-azzjoni hekk istitwita minnu;*

*B'riżerva għal kull azzjoni oħra spettanti lill-Esponent Konvenut Publius sive Leo Said, bl-imgħax legali, u bl-ispejjeż hekk reklamati u li huma sa issa riservati, kontra l-istess Rikorrent Dr. John Bonello li minn issa huwa nġunt in subizzjoni;*

*Bl-ispejjeż anke tal-preżenti;"*

## Is-Sentenza Appellata

5. L-ewwel Qorti waslet għas-sentenza appellata wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

*"Ikkunsidrat;*

*L-attur qiegħed jimpunja l-pubblikazzjoni mtella' mill-konvenut fuq il-profil tiegħu fuq Facebook, ta' filmat li fih l-istess konvenut jidher jitkellem f'telefonata ma' terza persuna u jinstema' jgħid is-segwenti stqarrijiet li skont l-attur, huma libellużi u malafamanti fil-konfront tiegħu (fn. 1 L-attur fix-xhieda tiegħu iddikjara li l-istqarrijiet li huma malafamanti fil-konfront tiegħu huma dawk li f'Dok. X huma indikati b'tipa grassa* bold)*:-*

"John Bonello huwa brikkun, kiser il-liġi, kiser l-etika..."

*u*

"Jien qed nghidlek illi John Bonello, quddiem Audrey Demicoli, go kawża ohra kien jirriżulta li hu -avukat tal-akkużat u kien jaf li dik hija -mara tieghu_u sadanittant qed jistaqsi lill-Maġistrata, quddiem il-Magistrata, qallha: "Tafu lil dad-driver?!" Meta hu jaf illi dik tafu! U dik irrispondietha "Le!" lill-Magistrata mentri hu kien jaf li dak hu r-raġel tagħha! Irrid illi dawn jiena, l-iktar haga faċli biex nirrapurtaha din il-haga! ... Ghaliex inkella, Sur Mercieca, jekk isir jaf Bonello, jekk isir jaf Bonello - skužani lili - jekk isir jaf John Bonello li jien qed nagħmel din l-investigazzjoni u se ninduna li hu gideb quddiem Audrey Demicoli jista' jqabbad lil xi hadd joqtolni bhalma qatlu lil Daphne Caruana Galizia! ... Qed inkun čar, qed inkun car! ..."

*Minn dak li l-Qorti setgħet tislet mir-Risposta u mid-dokumenti voluminużi, ripetittivi u fil-maġġor parti tagħhom, irrelevanti, ippreżentati mill-konvenut (fn. 2 Fir-risposta tal-konvenut tad-9 ta' Ottubru 2019, ġie dikjarat espressament illi r-risposta tiegħu tat-22 ta' Settembru 2019* "għandha direttament x'jaqsam mar-Rikors tal-istess Rikorrent Dr. John Bonello tat-23 ta' Lulju 2019*". (fol. 60/61, paragrafu 4). Il-Qorti tosserva li l-unika risposta tal-konvenut li tinsab fl-atti hi dik li ġiet ippreżentata fid-19 ta' Settembru 2019 u illi kienet ir-Risposta ppreżentata fis-16 ta' Settembru 2019 li ġiet sfilzata), il-konvenut jilqa' għal din l-azzjoni billi jikkontendi li t-traskrizzjoni tal-kliem li ntqal minnu fil-filmat (Dok. X) – liema traskrizzjoni l-konvenut jiddikjara li hija*

*korretta u mhux kontestata - fiha biss parti limitata ferm ta' dak li kien qed jiġi diskuss waqt telefonata ma' terza persuna; li huwa ma rrejalizzax li kien qed jiġi rrekordjat; u li huwa ma qal xejn ħażin meta qal il-kliem impunjat għaliex dan kien dejjem kwalifikat bil-premessa li Dr. John Bonello huwa brikkun, kiser il-liġi u kiser l-etika biss* ***jekk fil-verità*** *huwa kien jaf li Maria Louise Pearson qatt ma kienet fuq ix-xarabank ta' Massimo Bonello meta seħħ l-inċident li kien il-mertu tal-proċeduri fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v. Massimo Bonello****, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-18 ta' Diċembru 2013.*

*Il-Qorti fliet l-atti u l-provi u fehmet illi fl-isfond tal-pubblikazzjoni impunjata tinsab il-krucjata li nieda l-istess konvenut diversi snin qabel meta ċertu Massimo Bonello ġie liberat b'sentenza mogħtija fit-18 ta' Diċembru 2018 mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali preseduta mill-Maġistrat (illum Onor. Imħallef) Audrey Demicoli, fil-proċeduri kriminali fl-ismijiet* ***Il-Pulizija (Spettur Gabriel Micallef) v. Massimo Bonello****. L-imsemmi Massimo Bonello ġie liberat mill-akkuża, fost oħrajn, li kkaġuna offiżi gravi fuq Inna Abrekova Atreptyeva (fn. 3 Illum Inna Valentinova Said, mart il-konvenut) waqt kien qed isuq xarabank. Mhux kontestat li f'dawk il-proċeduri kriminali l-attur, Dr. John Bonello, kien l-avukat difensur tal-imputat Massimo Bonello u bħala xhud in difesa ġiet imressqa biex tixhed ċertu Maria Louise Pearson (fn. 4 Din ix-xhud xehdet fis-seduta tat-3 ta' Mejju 2013 – fol. 677, issa 877 et seq.) li ddikjarat li hija kienet fuq ix-xarabank meta seħħ l-inċident, meta in segwitu irriżulta li dan ma kienx minnu (fn. 5 Il-konvenut jagħmel referenza għal sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-15 ta' Frar 2016 fl-ismijiet* ***Il-Pulizija (Spettur Kylie Borg) v. Maria Louise Pearson****, fejn l-imputata f'dawk il-proċeduri instabet ħatja li gidbet taħt ġurament quddiem il-Qorti fil-proċeduri kriminali kontra Massimo Bonello (deċiżi fit-18 ta' Diċembru 2013) – Dok. MLP7, fol. 668 issa 818)*

*Evidentement, il-konvenut huwa persważ li minħabba li ġie ppruvat li Marie Louise Pearson xehdet falz (fn. 6 Ara* supra*) u minħabba numru ta' irregolaritajiet oħrajn li qed jallega li seħħew fl-imsemmija proċeduri kriminali - fosthom li bran determinanti mid-depożizzjoni tal-parti leża Inna Abrekova Atreptyeva ġie tradott ħażin mill-Ingliż għall-Malti, li xi ħadd kien seraq mill-atti proċesswali tal-imsemmija kawża, ritratt ta' importanza "fondamentali" fil-kawża kif ukoll traduzzjoni oħra tad-depożizzjoni tal-parti leża – il-Qorti fil-proċeduri kriminali kontra Massimo Bonello, ġiet sgwidata u kien minħabba f'hekk li l-istess imputat ġie liberat mill-akkużi. Il-konvenut isostni wkoll li minħabba f'hekk, il-pożizzjoni ta' Inna Abrekova Atreptyeva bħala l-vittma tal-inċident in kwistjoni, ġiet preġudikata.*

*Il-qofol ta' dan kollu hu li l-konvenut jikkontendi illi l-attur Dr. John Bonello kien jaf li x-xhud Maria Louise Pearson kienet il-mara tal-imputat Massimo Bonello u kellhom tarbija flimkien, anke għaliex (fn. 7 Fir-risposta tiegħu tad-19 ta' Settembru 2019, il-konvenut qal li x-xhud u l-imputat Massimo Bonello kienu joqgħdu fl-istess indirizz: "St. Helen Flats, Flat 2, Triq il-Ħġejjeġ San Pawl il-Baħar." Ara fol. 31.) skont il-konvenut, seba' snin qabel l-istess avukat kien ippatroċina lil Massimo Bonello f'kawża għall-manteniment ta' dan il-wild tagħhom. Il-konvenut isostni li minkejja li kien jaf li Massimo Bonello kien ir-raġel tax-xhud, Dr. John Bonello, l-attur, ressaq lil Maria Louise Pearson bħala xhud tad-difiża u staqsiha quddiem il-Maġistrat jekk hija tafx lill-imputat, għal liema domanda x-xhud wieġbet fin-negattiv.*

*Huwa evidenti li l-konvenut ħassu aggravat b'dawn l-allegati manuvri u irregolaritajiet u biex juri li l-eżitu tal-imsemmija proċeduri kriminali kien manipolat u kien kollu frott ta' qerq da parti tal-avukat Bonello u ta' kollużjoni bejnu u bejn Massimo Bonello, huwa pprova jsir jaf min kienu l-avukati li kienu ppatroċinaw lil Massimo Bonello f'diversi proċeduri kriminali oħrajn, kif ukoll l-ismijiet tal-avukati f'elenku sħiħ ta' kawżi oħrajn (fn. 8 Ara fol. 33 u 34, risposta tal-konvenut tad-19 ta' Settembru 2019) fejn allegatament twettqu irregolaritajiet: dan kollu biex juri li l-avukat f'dawn il-kawżi kollha kien l-attur Dr. John Bonello.*

*Il-Qorti fehmet ukoll li l-konvenut iddeċieda li ħadd ma ried jgħinu f'din il-missjoni tiegħu u qal illi rrikorra addirittura għand il-Prim Ministru ta' dak iż-żmien, Dr. Joseph Muscat, biex jinvestiga l-każ. Skont il-konvenut, il-Prim Ministru kien irreferih għand id-Direttur tal-Qorti Frank Mercieca biex jista' jikseb l-informazzjoni meħtieġa minn atti proċesswali ta' diversi kawżi kriminali u oħrajn, għall-prova li Dr. John Bonello kien l-avukat f'dawk il-kawżi u b'hekk jissostanzja t-teżi tiegħu li l-istess attur kien jaf li Maria Louise Pearson kienet qiegħda tixhed il-falz quddiem il-Qorti preseduta mill-Maġistrat (illum Onor. Imħallef) Audrey Demicoli. Jidher mill-kumpless tal-provi f'din il-kawża li t-tentattivi tal-konvenut biex jikseb din l-informazzjoni kienu bla suċċess u huwa ovvju li l-konvenut jinsab immensament frustrat b'dan u kif ukoll bl-eżitu tal-azzjoni kriminali kontra Massimo Bonello li ġiet determinata bis-sentenza tat-18 ta' Diċembru 2013. Jikkontendi li l-attur mexa b'qerq u b'kondotta mhux etika waqt l-imsemmija kawża għad-detriment ta' martu u mill-pubblikazzjoni li fiha l-istqarrijiet impunjati f'din il-kawża, jirriżulta wkoll li huwa għamel jew kien bi ħsiebu jagħmel rapport lill-Pulizija.*

*Għall-Qorti huwa wkoll ovvju li l-konvenut huwa persważ li ħadd ma jrid jgħinu jikxef il-verità u pprova juża dawn il-proċeduri odjerni biex jesprimi n-nuqqas ta' fiduċja tiegħu fis-sistema ġudizzjarja b'mod ġenerali u dan billi għamel diversi allegazzjonijiet*

*fil-konfront ta' varji persuni li kienu involuti fil-proċeduri kriminali dwar l-inċident stradali li fiha kienet weġġħet martu, kif ukoll fil-konfront ta' membri tal-ġudikatura.*

*Naturalment, mhux kompitu ta' din il-Qorti tiddetermina min kienu l-avukati involuti fl-erbgħa u għoxrin kawża indikati mill-konvenut fil-provi li ressaq, jew jekk kienx l-attur Dr. John Bonello l-avukat f'dawn il-kawżi, u lanqas m'hu kompitu tagħha tiddeċiedi jekk verament l-attur Dr. John Bonello kienx jaf bir-relazzjoni bejn Massimo Bonello u Maria Louise Pearson fiż-żmien meta l-istess Maria Louise Pearson xehdet fil-proċeduri dwar l-inċident stradali jew jekk kienx jaf li effettivament l-imsemmija xhud kienetx fuq ix-xarabank meta seħħ l-inċident u li kienet qed tixhed falz.* ***Il-Qorti hija msejħa f'din l-azzjoni ta' libell unikament biex tiddetermina jekk il-pubblikazzjoni tal-istqarrijiet li huma impunjati mill-attur f'din il-kawża humiex diffamatorji u malafamanti fil-konfront tal-attur**.*

*Ikkunsidrat;*

*Illi qabel ma l-Qorti tgħaddi biex tistħarreġ il-mertu tal-azzjoni u tiddetermina jekk l-istqarrijiet impunjati mill-attur humiex diffamatorji fil-konfront tiegħu, ikun xieraq u meħtieġ li tiddeċiedi dwar materja li tqanqlet mill-abbli avukat tal-konvenut waqt it-trattazzjoni finali. Ġie sottomess illi l-azzjoni ta' libell waqgħet bil-preskrizzjoni ta' sena, a tenur tal-Artikolu 18 tal-Kap. 579 għaliex mid-dokument ossia* pen-drive *esebit mill-attur kontenenti l-filmat impunjat, jirriżulta li l-attur ikkopja dan il-filmat minn fuq Facebook għal fuq l-imsemmi* pen-drive*, fit-28 ta' Novembru 2017.*

*Minnufih għandu jingħad li l-konvenut ma mexiex tajjeb fir-rigward għaliex sal-lum qatt ma ressaq formalment l-ebda eċċezzjoni dwar il-preskrizzjoni tal-azzjoni attriċi. Kif inhuwa risaput, eċċezzjoni bħal din la tista' tiġi sollevata* ex officio *mill-Qorti u lanqas tista' titressaq bħala argument jew sottomissjoni waqt it-trattazzjoni finali:-*

Għalkemm hu mogħti mil-liġi lil parti f'kawża li tqajjem l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni f'kull waqt tagħha, imqar fl-istadju tal-appell, ma huwiex sewwa li l-parti mħarrka tissorprendi lill-parti attriċi b'dan il-mod bla ma tagħtiha l-opportunità li tirribattiha u meta tkun intemmet il-fażi tat-trattazzjoni. *(fn. 9* ***Gennaro De Luca et v. Perit Arkitett David Psaila et****, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-14 ta' Frar 2013)*

*Għalhekk il-Qorti mhux sejra tieħu konjizzjoni tal-materja ta' preskrizzjoni sollevata informalment u waqt it-trattazzjoni finali. Tosserva wkoll illi anke jekk għal mument, kellu jiġi aċċettat li huwa minnu dak li qed jallega l-konvenut u seta' kien hemm pubblikazzjonijiet preċedenti tal-istess filmat qabel it-22 ta' Lulju 2019, il-konvenut ma ressaq l-ebda prova li kien hemm pubblikazzjoni preċedenti tal-filmat. Dan ifisser li ma jistax javalla ruħu mir-regola dwar pubblikazzjoni waħda għall-fini tal-Artikolu*

*13 tal-Kap. 579. Barra minn hekk, kuntrarjament għal dak li ġie asserit waqt it-trattazzjoni finali, minn imkien ma jirriżulta li l-filmat li jidher fuq il-pen-drive esebit mill-attur kontenenti l-pubblikazzjoni impunjata, ġie pubblikat u rikordjat fit-28 ta' Novembru 2017. Jekk, kif ġie sottomess mill-abbli avukat tal-konvenut, dan jista' jirriżulta biss permezz ta' kostatazzjoni teknika esperta, irid jingħad li ma saret l-ebda talba formali għall-ħatra ta' espert tekniku ġudizzjarju biex issir il-kostatazzjoni opportuna, ħlief in linea ta' sottomissjoni waqt it-trattazzjoni finali. Il-Qorti tosserva wkoll li l-konvenut naqas ukoll milli jressaq waqt l-istadju tal-ġbir tal-provi, prova ta' opinjoni esperta ex parte fir-rigward.*

*Illi għalhekk, minkejja t-tqanqil tal-imsemmi argument min-naħa tal-konvenut, il-Qorti m'hijiex sejra tqisu u f'kull każ, minn eżami tal-filmat ossia pubblikazzjoni esebita mill-attur, kif ukoll tal-provi u mix-xhieda mressqa mill-istess attur (fn. 10 Dak li jirriżulta mill-provi hu li f'Lulju 2019, il-filmat kontenenti l-istqarrijiet impunjati ġie mtella' permezz ta'* public post *fuq il-profil tal-konvenut fuq Facebook: dwar dan xehed Dr. Massimo Vella filwaqt li Dr. Marycien Vassallo xehdet li in segwitu għall-pubblikazzjoni li saret fit-22 ta' Lulju 2019, dan l-istess filmat reġa' ġie mtella' mill-konvenut.), jirriżulta li l-filmat ġie effettivament ippubblikat fit-22 ta' Lulju 2019.*

*Ikkunsidrat;*

*Qabel xejn, għandu jingħad li mhux kontestat illi t-traskrizzjoni annessa mar-Rikors promotur hija effettivament traskrizzjoni tal-kliem tal-konvenut matul dak li jidher li huwa telefonata ma' terza persuna, liema terza persuna mhux identifikata mill-filmat iżda skont il-konvenut hija d-Direttur tal-Qorti dak iż-żmien, is-Sur Frank Mercieca. Mhux kontestat lanqas illi t-traskrizzjoni hija riproduzzjoni korretta tal-kliem tal-konvenut waqt din it-telefonata.*

*Il-konvenut jilmenta, iżda, illi l-attur naqas milli jittraskrivi wkoll dak li qalet il-persuna l-oħra fit-telefonata li tinstema' fil-pubblikazzjoni impunjata u b'hekk jikkontendi li dak li ingħad f'din it-telefonata mhux kollu traskritt f'Dok. X. Madanakollu l-Qorti tosserva illi kif jirriżulta mill-filmat esebit in atti, kontenenti l-istqarrijiet impunjati, jinstema' fih biss il-kliem tal-konvenut u mhux ukoll dak li kien qed jintqal mill-persuna li kienet fuq in-naħa l-oħra tal-linja telefonika.*

*Huwa ppruvat anke bl-ammissjoni tal-konvenut li huwa kien tella' fuq il-profil tiegħu fuq Facebook, il-filmat fejn jidher u jinstema' jitkellem waqt din it-telefonata ma' persuna oħra ("Il-*vidjow jien għamiltu*") u dan ifisser li l-element tal-pubblikazzjoni tal-istqarrijet impunjati hu ppruvat.*

*Il-konvenut ma jikkontestax illi effettivament, ir-referenza għal "l-*Avukat John Bonello*" fir-*recording *tat-telefonata hija referenza proprju għall-attur u l-Qorti f'kull*

*każ tqis li l-attur huwa ben identifikabbli mill-pubblikazzjoni ġaladarba hu ovvju li John Bonello huwa avukat u jissemma ripetutament fil-filmat bħala avukat.*

*Collins, fir-rigward tal-kunċett tal-identifikazzjoni tal-persuna aggravata fil-pubblikazzjoni, jgħid:-*

"A defamatory statement is actionable only at the suit of a person who can be identified as having been referred to in or by the statement. The statement must be 'of and concerning' the person. A person is identified where he or she is named, or identified by title or description, in the statement. Identification can also occur by the inclusion of photographs or video footage of the claimant." *(fn. 11 Collins on Defamation (2014 Ed.), Matthew Collins QC. 5.01, p.105)*

*F'kull każ, l-attur ressaq prova, permezz tax-xhieda ta' Dr. Massimo Vella u Jesmond Bartolo, li meta semgħu lill-konvenut fil-filmat in diżamina, huma minnufih identifikaw il-persuna li kien qed issir referenza għaliha fl-istqarrijiet impunjati, bħala l-attur Dr. John Bonello.*

*Ikkunsidrat;*

*Illi l-punt ta' tluq f'kull azzjoni ta' libell istitwita taħt l-Att, għandu dejjem ikun id-determinazzjoni dwar jekk il-kriterju ta' ħsara serja għar-reputazzjoni, stabbilit mill-Artikolu 3(4) tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama ("l-Att") huwiex sodisfatt fil-każ partikolari. Dan l-Artikolu jistipola illi stqarrijiet m'humiex diffamatorji sakemm ma jikkawżawx ħsara serja jew ikunu jistgħu jikkawżaw ħsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna jew persuni speċifiċi li jagħmlu t-talba u f'każ ta' korp li jopera għal profitt, telf finanzjarju serju.*

*Dwar il-prova tal-ħsara għar-reputazzjoni, il-Gatley jgħid hekk-*

"Proof that serious harm to reputation has actually occurred will obviously suffice but the claimant need only prove that such harm was likely. The harm need not manifest itself in financial terms, though it may do so: serious harm for the purposes of this provision may also be established by proof that the effect of the libel was to cause others to shun the claimant, or that the claimant was caused serious injury to feelings, distress, hurt and/or humiliation." *(fn. 12 Gatley On Libel and Slander, Twelfth Ed. [2013] 2.6, pg. 41)*

*Dan ifisser illi mhux meħtieġ li l-attur iressaq prova li huwa attwalment ġarrab ħsara f'termini finanzjarji jew tanġibbli jew li r-reputazzjoni tiegħu ntlaqitx negattivament b'mod konkret bħala riżultat tal-allegat malafama.*

*Skont il-Gatley:-*

"… whether a publication has caused or is likely to cause, serious harm is likely to require a careful investigation of facts of the particular case and in particular the inherent gravity of the allegation, the nature and status of the publisher and publishee, the claimant's current reputation and financial position, and whether similar allegations have been published before." *(fn. 13 Gatley, On Libel and Slander (2013 Ed.), p. 41, 2.5 Bħala parti minn dan l-istħarrig:- "*Questions of tone and expression, as well as the medium and extent of publication, will all be relevant. The focus will be on the effect or potential effect of the statement on the reputation, rather than the feelings, of the claimant*" Collins on Defamation (2014 Ed.) p. 154. 7.32.)* [emfasi tal-Qorti]

*Jirriżulta mill-istqarrijiet tal-konvenut li qed jiġu impunjati f'din il-kawża u li ġew riprodotti iktar qabel, li l-konvenut jattribwixxi lill-attur bħala stat ta' fatt (i) il-ksur tal-liġi u tal-etika, (ii) il-fatt li jirriżulta li huwa kien jaf li x-xhud fil-proċeduri kriminali kienet qed tixhed falz u (iii) il-fatt li gideb quddiem il-Qorti, fost oħrajn.*

*Il-Qorti tibda biex tosserva li effettivament, il-konvenut ma jafx biċ-ċert li l-attur Dr. John Bonello kien jaf meta x-xhud Maria Louise Pearson xehdet quddiem il-Qorti fil-proċeduri kriminali kontra Massimo Bonello, li hija kienet qed tixhed il-falz u li kien konxju effettivament dwar ir-relazzjoni bejn ix-xhud u l-imputat Massimo Bonello.*

*Din hija biss il-konklużjoni li l-konvenut wasal għaliha miċ-ċirkostanzi tal-każ u mis-suspett tiegħu li l-attur Dr. John Bonello kien ilu jippatroċina lil Massimo Bonello għal diversi snin u f'diversi kawżi u kien ukoll l-avukat tiegħu f'xi kawża dwar manteniment tal-wild tal-imsemmi imputat u Maria Louise Pearson. Kemm hu hekk, meta fix-xhieda tagħha quddiem din il-Qorti, mart il-konvenut, Inna Said, ġiet mistoqsija jekk kienetx skopriet jekk effettivament l-attur kien jaf li Maria Louise Pearson kienet is-sieħba tal-imputat Massimo Bonello, hi wieġbet "*I cannot say yes he knew. I can just think about it. ... because as I said if you have a client ... you know his family, you approximately how he is living and if he had kids and who is his wife and who is his partner*". (fn. 14 Fol. 106, xhieda ta' Ina Said tat-3 ta' Marzu 2020) L-attur ukoll, fix-xhieda tiegħu in kontro-eżami, ċaħad kategorikament li meta Maria Louise Pearson xehdet bħala xhud in difeża fil-proċeduri kriminali kontra l-klient tiegħu Massimo Bonello, huwa kien jaf li kellha tarbija miegħu (fn. 15 Xhieda tal-14 ta' Ġunju 2021, fol. 878. L-attur ċaħad ukoll li kien l-avukat difensur tal-imsemmi Massimo Bonello fil-kawża kriminali fejn instab ħati li kkorrompa lill-mara tiegħu biex tgħid li kienet fuq ix-xarabank).*

*Hawnhekk il-Qorti ma tistax ma tagħmilx osservazzjoni fondamentali: jirriżulta inkonfutabbilment mit-traskrizzjoni tad-depożizzjoni ta' Maria Louise Pearson li xehdet fit-3 ta' Mejju 2013 fil-proċeduri kriminali kontra Massimo Bonello bħala xhud prodotta mid-difiża, li ma kienx Dr. John Bonello (li kien l-avukat difensur tal-imputat*

*Massimo Bonello f'dik is-seduta) li staqsa lix-xhud jekk kienetx taf lill-imputat, għal liema domanda hija wieġbet fin-negattiv, iżda kien l-avukat tal-parti ċivile.*

*Xhud: Ma nafux sew, sew.*

*Parte Civile: Sew, x' tifhem biha sew, sew? Kif tafu lis-Sinjur?*
*Xhud: Bħal meta Itqajt ma' persuna.*
*Parte Civile: Ħabib tiegħek għal li jista' jkun?*
*Xhud: M'aħniex ħbieb. Ħbieb.*
*Parte Civile: Ħbieb imma ġieli tiltaqgħu?*
*Xhud: Le. (fn. 16 Dok. MLP1/2, fol. 831)*

***Għalhekk, kuntrarjament għal dak li qed isostni bl-iktar mod emfatiku l-konvenut fil-filmat pubblikat minnu, ma jirriżultax li Dr. John Bonello qatt staqsa lix-xhud jekk kienetx taf lill-imputat****. Dan il-fatt waħdu jxejjen il-fondament tal-istqarrijiet ripetuti tal-konvenut fil-pubblikazzjoni impunjata, li Dr. John Bonello kien staqsa lix-xhud quddiem il-Qorti jekk kienetx taf lil Massimo Bonello meta kien jaf li huwa r-raġel tagħha u li konsegwentement huwa gideb quddiem il-Qorti.*

*Iżda minkejja dan, u minkejja l-fatt li kif rajna, il-konvenut għad irid jafferma s-suspetti tiegħu dwar l-allegat qerq u dolo mwettaq mill-attur Dr. John Bonello, fil-pubblikazzjoni impunjata* ***huwa sawwar is-suspetti tiegħu dwar il-kompliċità tal-attur f'dak li hu, effettivament, reat kriminali kif ukoll kondotta mhux etika, bħala fatt stabbilit u ppubblika dawn il-fatti fuq il-midja soċjali****.*

*Il-Qorti taqbel li jekk dak li jallega l-konvenut hu minnu, b'mod li l-attur bħala avukat kien effettivament konxju tal-fatt li x-xhud li ressaq il-patroċinat tiegħu, Massimo Bonello, fil-proċeduri kriminali dwar l-inċident in diżamina, kellha relazzjoni u wild mal-istess imputat kif ukoll li ma kienetx fuq ix-xarabank fil-ħin tal-inċident, dan ikun indubbjament jikkostitwixxi ksur tal-liġi u ksur tar-regolamenti tal-Kodiċi tal-Etika ċitati mill-konvenut fir-Risposta tiegħu (fn. 17 Risposta tad-19 ta' Settembru 2019 – il-konvenut jagħmel referenza għall-Code of Ethics and Conduct for Advocates maħruġa mill-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja u għall-introduzzjoni ġenerali ta' din il-kodiċi fejn jinsabu stipolati r-rekwiżiti ta' kondotta professjonali mistennija mill-avukati:-* "The purpose of this Code is to ensure that advocates do not act abusively or negligently or in a manner repugnant to the decorum, dignity or honour of their profession or in such manner as could seriously affect the trust conferred on them." *Il-konvenut isostni li l-attur fil-kondotta tiegħu, naqas milli josserva s-segwenti regoli:* "An advocate shall in the exercise of his profession safeguard both in his own actions and in the actions of those who act on his or her behalf, the following values:- ...f) <u>The advocate's duty to the Court</u>", *kif ukoll:* "An

advocate is an officer of the Court, and should conduct himself or herself accordingly".)

*Fl-istħarriġ tal-kwistjoni jekk fil-pubblikazzjoni impunjata, saritx imputazzjoni - inkluż naturalment waħda diffamatorja - fil-konfront tal-persuna aggravata, għandu jiġi stabbilit jekk mill-kuntest sħiħ tal-pubblikazzjoni, persuna ordinarja u raġjonevoli ("*an ordinary, reasonable person*"), tkun kapaċi tifhem dik l-istqarrija bħala waħda li minnha raġjonevolment tinsilet l-imputazzjoni impunjata.*

*Fost il-prinċipji applikabbli għad-determinazzjoni ta' jekk stqarrija hijiex kapaċi twassal l-imputazzjoni impunjata, id-deċiżjoni ċelebri* ***Jeynes v News Magazines Ltd*** *(fn. 18 [2008] EWCA) elenka s-segwenti:-*

"(1) the governing principle is reasonableness (2) the hypothetical reasonable reader is not naïve but he is not unduly suspicious. He can read between the lines. He can read in an implication more readily than a lawyer and may indulge in a certain amount of loose thinking but he must be treated as being a man who is not avid for scandal and someone who does not, and should not, select one bad meaning where other non-defamatory meanings are available (3) over-elaborate analysis is best avoided. (4) the intention of the publisher is irrelevant. (5) The article must be read as a whole… (6) The hypothetical reader is taken to be representative of those who would read the publication in question. (7) In delimiting the range of permissible defamatory meanings, the court should rule out any meaning which 'can only emerge as the produce of some strained, or forced, or utterly unreasonable interpretation …' (8) It follows that it is not enough to say that by some person or another the words <u>might</u> be understood in a defamatory sense."

*Applikati dawn il-prinċipji għall-każ li għandha quddiemha, din il-Qorti ma għandha l-ebda dubju li l-imputazzjoni ċara li titnissel minn qari komplessiv tat-traskrizzjoni tal-filmat ippubblikat mill-konvenut u mill-istess filmat, hija effettivament li l-attur huwa brikkun, kiser il-liġi u l-etika.*

*Il-Qorti tosserva li l-imputazzjoni hi waħda diretta u speċifika għaliex il-konvenut ma qalx u ma tax x'jifhem li għandu suspett raġjonevoli li l-attur mexa bi ksur tal-liġi jew bi ksur tal-etika jew li qed jinvestigah fir-rigward.* ***Il-konvenut mhux qiegħed biss jissuġġerixxi li l-attur seta' mexa doložament b'kondotta li tikser il-liġi kriminali u l-kodiċi tal-etika tal-Avukati, iżda qiegħed iwassal sewwasew imputazzjoni ta' ħtija li l-qarrej ordinarju, dodat b'intelliġenza ordinarja, jista' jifhem mingħajr il-ħtieġa ta' xi għarfien speċjali jew informazzjoni addizzjonali*** *(fn. 19* "At trial, the question is whether the statement was in fact defamatory in the sense alleged, applying the

standard of the ordinary reasonable person." - *Collins on Defamation (2014 Ed.), p. 140, 6.95.*

*L-attur jilmenta wkoll li l-konvenut akkużah ukoll fil-pubblikazzjoni in diżamina, li gideb quddiem il-Qorti preseduta mill-Maġistrat (illum Imħallef) Audrey Demicoli. Il-Qorti taqbel li din l-imputazzjoni hija effettivament dik li titwassal b'mod pjuttost inekwivoku mis-segwenti silta tal-pubblikazzjoni:-*

"Jien qed ngħidlek illi John Bonello, quddiem Audrey Demicoli, ġo kawża oħra kien jirriżulta li hu l-avukat tal-akkużat u kien jaf li dik hija l-mara tiegħu u sadanittant qed jistaqsi lill-Maġistrata, qalilha: "Tafu lil dad-driver?!" Meta hu kien jaf li dik tafu! U dik irrispondietha "Le" lill-Maġistrata mentri hu kien jaf li dak hu r-raġel tagħha ... jekk isir jaf John Bonello li hu gideb quddiem Audrey Demicoli ..."

*Fil-fatt, hu ġeneralment aċċettat fil-ġurisprudenza tal-qrati Inglizi kif ukoll lokali, illi imputazzjoni li l-persuna aggravata kien jew seta' kien possibbilment involut sa ċertu grad, f'attività illeċita jew att kriminali jew, fi kliem Collins (fn. 20 6.10 p.117), imputazzjoni li minħabba f'xi kondotta partikolari, il-persuna aggravata huwa "*dishonest or a fraud, a hypocrite, dishonourable, immoral, or actuated by some improper motive, insolvent or unwilling to pay debts or incompetent or otherwise unfit for some role.*" (fn. 21 Fil-każ ċelebri* ***Sim v. Stretch*** *– 1936, 2 All England Law Reports, 1237 (House of Lords, per Lord Atkin) – ġie ritenut illi sabiex jigi stabbilit jekk l-istqarrija impunjata twassalx imputazzjoni li hi diffamatorja, irid jigi affermat illi* "the words tend to lower the plaintiff in the estimation of right-thinking members of society generally"), *huma kkunsidrati bħala diffamatorji.*

*Fil-każ* ***Angel v H.H. Bushell & Co Ltd*** *(fn. 22 [1968] 1 QB 813), l-allegazzjoni kienet li l-persuna aggravata ma kienetx "…* conversant with business ethics*". Ġie ritenut (fn. 23 Milmo J.:825G-826A) li teżisti "*a very real difference between an allegation of failure to comply with etiquette and a failure to conform with ethical standards, and it is the latter imputation which, in my view, is made by this letter. Ethics involve a moral standard, and, in my judgment, a breach of ethics connotes at a minimum dishonourable behaviour*". (fn. 24 Intqal ukoll illi "*At any rate, it seems clear that one can draw a distinction between mere breaches of etiquette on the one hand and breaches of professional ethics or codes of conduct on the other: the latter are actionable even if the former are not.")

*Il-Qorti żżid tosserva wkoll wkoll li r-referenza li saret mill-konvenut għall-qtil ta' Daphne Caruana Galizia, fejn esprima l-biża' li l-attur jekk isir jaf bl-investigazzjoni li kien qed jagħmel, jista' jagħmillu bomba, mhux biss hija waħda gratuwita u odjuża, iżda tiegħu xejra iktar serja meta bl-użu tal-kuntest tal-qtil tal-ġurnalista, il-konvenut*

*qed iwassal l-imputazzjoni ulterjuri li l-attur huwa mhux biss brikkun li kiser il-liġi u l-etika,* ***iżda wkoll persuna vendikattiva, bla skrupli u li wieħed għandu jibża' minnu.***

*Ikkunsidrat;*

*Illi l-imputazzjoni li persuna kisret il-liġi u l-etika, li hija brikkun u giddieb, filwaqt li hija diffamatorja fiha nnifisha, tassumi proporzjonijiet ikbar meta tiġi applikata fil-konfront ta' avukat għaliex l-avukat huwa professjonist mogħni b'warrant biex jipprattika l-liġi u marbut bil-kodiċi tal-etika. Għall-Qorti, imputazzjonijiet bħal dawk li għamel il-konvenut ifissru neċessarjament li l-attur, f'dan il-każ, aġixxa b'nuqqas ta' integrità u professjonaliżmu u kwindi b'kondotta li hija sewwasew l-antiteżi tal-kondotta mistennija minn uffiċjal tal-Qorti bħalma huwa avukat. Wara kollox, ir-reputazzjoni ta' avukat tistrieħ essenzjalment fuq kondotta netta, serjetà u integrità morali u professjonali, u fl-eżercizzju rett tal-professjoni tiegħu.*

*Magħdud dan, kif sewwa xehed l-attur, il-fatt li llum, sempliċi tfixxtija fuq Google jew kwalsiasi* search engine *ieħor hi kapaċi tidentifika u ttella' kull artikolu, post jew ritratt li jkun ippubblikat fuq l-internet in konnessjoni mas-soġġett tat-tfittxija: fil-każ tal-attur dan ifisser li kull tfittxija għal* "avukat John Bonello" *hija kapaċi tipproduċi dan il-filmat ippubblikat mill-konvenut b'imputazzjonijiet li huma kapaċi jarrekaw ħsara serja lir-reputazzjoni tal-attur billi jinfluwixxu mhux biss fuq klijenti preżenti u prospettivi iżda iktar minn hekk fuq istituzzjonijiet li inevitabbilment ikollu x'jaqsam magħhom fl-eżerċizzju tal-professjoni tiegħu, fosthom banek u kumpanniji ta' assigurazzjoni. Applikat dan għall-fatt li l-attur jeżerċita l-professjoni ta' avukat li tesiġi l-iktar* standards *għoljin ta' integrità, pubblikazzjonijiet bħal dawn jirrekaw ħsara bla qies lir-reputazzjoni.*

*Il-Qorti taqbel li filwaqt illi l-konvenut għandu kull jedd jasal għall-konklużjonijiet tiegħu dwar il-kondotta tal-attur u dwar dak li għamel jew m'għamilx l-attur fil-kors tal-eżerċizzju tal-professjoni tiegħu, li hu żgur hu li m'għandux jedd li jxandar mal-erba' rjieħ akkużi serji fil-konfront ta' persuna oħra, bħalma huma l-akkużi li għamel fil-pubblikazzjoni in diżamina dwar il-ksur tal-liġi u l-etika u l-gideb da parti tal-attur, mingħajr ma kellu jew għandu l-ebda prova konkreta fir-rigward. Il-Qorti tagħmilha ċar li stqarrijiet li huma bbażati fuq suppożizzjonijiet, konġetturi u suspetti m'għandhom qatt jissawru bħala akkużi wisq inqas bħala fatti stabbiliti meta dawn huma intiżi għall-pubblikazzjoni u għalhekk, fil-każ in diżamina, l-istqarrijiet tal-konvenut li l-attur gideb u kiser il-liġi u l-etika meta m'hux minnu li "*jirriżulta li hu l-avukat tal-akkużat u kien jaf li dik il-mara tiegħu*", huma stqarrijiet li inevitabbilment huma kapaċi jirrekaw ħsara serja lir-reputazzjoni tal-attur.*

*Ikkunsidrat;*

*Il-Qorti tosserva illi l-konvenut naqas milli jilqa' għall-azzjoni attriċi b'xi waħda mill-eċċezzjonijiet maħsuba espressament fl-Att dwar il-Midja u l-Malafama (Kap. 579), fosthom id-difiżi msemmija fl-Artikolu 4 (verità u opinjoni onesta) u l-Artikolu 5 (publikazzjoni dwar materja ta' interess pubbliku) tal-Att u għalhekk, naturalment, il-Qorti ma tistax u m'hijiex sejra tinvestihom* sponte sua*. L-unika difiża rilevanti invokata mill-konvenut f'din il-kawża li l-Qorti setgħet tislet mill-ġabra ta' sottomissjonijiet ripetittivi u fil-parti l-kbira tagħhom irrelevanti, hi li l-istqarrijiet tiegħu dwar Dr. John Bonello, fosthom li huwa brikkun, kiser il-liġi u kiser l-etika, kienu dejjem kwalifikati b'dak li kienu qegħdin jiddiskutu bejniethom hu u l-persuna l-oħra fit-telefonata li tinstema' fil-pubblikazzjoni, ċioé d-dritt tal-konvenut li jsir jaf min kienu l-avukati fl-erbgħa u għoxrin kawża oħra.*

*Il-konvenut jikkontendi wkoll li din il-kwalifika ma jirriżultax mit-traskrizzjoni tal-kliem li jinsema' fil-filmat ippubblikat, għaliex din fiha biss il-kliem li qal il-konvenut fit-telefonata u mhux ukoll il-kliem tal-persuna l-oħra fuq il-linja, liema persuna l-konvenut isostni li kien id-Direttur tal-Qorti. Fil-fatt, kif rajna, il-konvenut joġġezzjona għall-fatt li l-attur naqas milli jipproduċi fl-atti l-konversazzjoni telefonika sħiħa u sostna wkoll li kellu jiġi imsejjaħ fil-kawża d-Direttur tal-Qorti ta' dak iż-żmien biex iwieġeb għal din l-azzjoni ta' libell.*

*Il-Qorti, fir-rigward, tibda biex tosserva illi dak li ġie effettivament ippubblikat fuq il-profil tal-konvenut fuq Facebook, jikkonsisti f'filmat li fih l-istess konvenut jidher u jinstema' jitkellem fuq it-telefon, fejn jidher biss il-konvenut u jinstema' biss il-parti tiegħu f'dan id-dijalogu (fn. 25 Ara xhieda in kontro-eżami ta' Dr. Massimo Vella, 12 ta' Novembru, 2020). Kuntrarjament għal dak li saħaq il-konvenut, il-Qorti bla tlaqliq tgħid li ma temminx li huwa ma kienx jaf li kien qiegħed jiġi rikordjat u għaliha hu ovvju li l-konvenut kien qed jirrikordja lilu nnifsu. Kemm hu hekk, mhux kontestat li l-konvenut kien ippubblika dan il-filmat huwa stess fuq il-profil tiegħu fuq Facebook. Barra minn hekk, ma jirriżultax mill-provi f'din il-kawża li kien hemm parti oħra mill-konversazzjoni in diżamina li tħalliet barra mit-traskrizzjoni Dok. X u fi kwalsiasi każ, il-konvenut naqas milli jipproduċi fl-atti il-parti l-oħra tad-dijalogu jew xi pubblikazzjoni oħra li skont hu, kienet rilevanti għat-tifsira li kellha tingħata lil kliemu. Naqas ukoll milli jressaq lil Frank Mercieca – il-persuna li jinsisti li lilha saret it-telefonata in diżamina - biex jafferma li t-telefonata saret lilu u biex jixhed dwar dak li kien qed jintqal minnu waqt din it-telefonata (fn. 26 Jiġi osservat ukoll illi minkejja li f'wieħed mir-rikorsi li ppreżenta f'din il-kawża, il-konvenut iddikjara wkoll li* "ma jistax jifhem x'kienet il-vera raġuni għaliex l-istess Direttur ... ossija s-Sur Mercieca, ma huwiex ukoll konvenut f'dina l-kawża odjerna"*, huwa naqas milli jitlob huwa stess li din il-persuna tissejjaħ fil-kawża).*

***F'kull każ, għandu jingħad illi hija l-pubblikazzjoni kif imtella' mill-konvenut innifsu li għandha tiġi mistħarrġa biex jiġi determinat jekk hijiex malafamanti u diffamatorja fil-konfront tal-attur.*** *Kliem u diskors li ma jinstemax jintqal f'dik il-pubblikazzjoni ossia filmat, ma jistax jitqies li jifforma parti mill-pubblikazzjoni impunjata għaliex il-qarrej ordinarju jiġġudika fuq dak li ġie pubblikat fil-konfront tal-persuna aggravata u mhux abbażi ta' dak li seta' ntqal minn ħaddieħor u jew li ma jifformax parti mill-pubblikazzjoni li għandu quddiemu.*

*Wara kollox, huwa prinċipju stabbilit illi l-imputazzjoni diffamatorja fl-istqarrija impunjata għandha tinftiehem mill-qarrej ipotetiku ordinarju fil-qafas ta' dak li hu raġjonevoli u li seta' kien magħruf pubblikament fiż-żmien tal-pubblikazzjoni, mingħajr il-ħtieġa li ssir riċerka jew referenza għal xi fatti li ma jirriżultawx mill-istess pubblikazzjoni jew xi spjegazzjoni sussegwenti, mingħajr sforz u tiġbid ta' interpretazzjoni u mingħajr ħtieġa ta' xi għarfien speċjali (fn. 27 Iżda huwa importanti li jiġi speċifikat illi dan kollu ma jfissirx illi l-ammissibbilità jew valur probatorju ta' provi dwar fatti jew ċirkostanzi li seħħew biss wara l-pubblikazzjoni u li meta applikati għall-istqarrija impunjata jagħtuha tifsira diffamatorja, għandhom jiġu a priori esklużi. Effettivament, xejn ma josta li dawn il-fatti posterjuri ikollhom siwi safejn ikomplu jissostanzjaw b'mod* ***addizzjonali*** *in-natura diffamatorja tal-istqarrija impunjata, purche' fiha nnifisha u fil-qafas temporali tal-pubblikazzjoni, din setgħet tinftiehem mill-qarrej ordinarju b'applikazzjoni tal-prinċipji fuq enunċjati, bħala waħda li twassal imputazzjoni diffamatorja)*

*Kif rajna, il-konvenut jisħaq li dawn l-istqarrijiet tiegħu, impunjati f'din il-kawża, kienu soġġetti għall-aċċertazzjoni li l-istess attur fil-verità kien l-avukat ta' Massimo Bonello u li kien jaf fl-istess ħin li Maria Louise Pearson qatt ma kienet fuq ix-xarabank ta' Massimo Bonello meta seħħ l-inċident mertu tal-proċeduri kriminali kontra l-istess Massimo Bonello li fih weġġgħet Inna Said, martu. Biex jispjega aħjar kif l-istqarrijiet impunjati kienu kwalifikati, il-konvenut xehed li huwa ried ifisser hekk:-* "John Bonello ma huwiex brikkun jekk ma kienx l-avukat tal-mara tiegħu .... dak kien is-suġġett" *(fn. 28 Fol. 922 issa 1069, xhieda tal-konvenut tat-2 ta' Diċembru 2021)*

*Iżda l-Qorti ma taqbilx mal-konvenut li l-istqarrijiet tiegħu dwar l-attur, ċioe' li kiser il-liġi u l-etika u li hu brikkun, ġew kwalifikati minnu bħala dipendenti fuq l-aċċertazzjoni li l-istess attur fil-verità kien jaf li x-xhud Maria Louise Pearson kienet mart il-klient tiegħu u li mhux minnu li kienet fuq ix-xarabank tiegħu u jekk allura kienx jaf li kienet qed tixhed falz. Għall-kuntrarju, kif diġà ġie stabbilit, dawn l-istqarrijiet ġew imsawra bħala stqarrija ta' fatt li l-qarrej ordinarju u raġjonevoli jifhem minnufih li l-imputazzjoni li qed titwassal mill-konvenut hi li l-attur huwa brikkun, kiser il-liġi u l-etika u gideb quddiem il-Qorti. Il-konvenut fil-filmat in diżamina, kien inekwivoku*

*meta qal illi "***jirriżulta***" li l-attur huwa l-avukat tal-imputat Massimo Bonello u kien jaf li x-xhud hija l-mara tiegħu u għandhom tarbija għaliex kien ukoll l-avukat li assista lill-istess klient tiegħu f'kawża seba' snin qabel dwar il-manteniment. Fl-istess filmat il-konvenut jinstema' jgħid ukoll li kien qabbad lill-Avukat Anthony Stellini biex għamillu kwerela u mar biha l-Għassa tal-Pulizija,* ***tant kien ċert mill-allegazzjonijiet li kien qed jagħmel****.*

*Hawnhekk il-Qorti ma tistax tosserva, għall-kompletezza, li din id-difiża tal-konvenut tikkozza wkoll b'mod pależi ma' diversi stqarrijiet li għamel il-konvenut sija fix-xhieda tiegħu kif ukoll f'diversi atti ġudizzjarji ppreżentati minnu waqt dan il-proċess: fost oħrajn iddikjara li huwa kien għamel rapport lill-Pulizija fit-30 ta' Jannar 2017 (fn. 29 Ara Dok. PLS2, fol.929 issa 1076) fejn stqarr:-*

"... l-istess Avukat ta' Massimo Bonello li jismu Dr. John Bonello kien bagħat domanda lill-prosekuzzjoni biex il-mara tal-istess Massimo Bonello titla' tixhed u tgħid illi hi kienet fuq ix-xarabank meta kif ġà ġie surriferit, hi kienet wara ammettiet li hi ma kienetx qalet il-verità; Illi għalhekk, l-estess Esponent konvenut Publius sive Leo Said qiegħed isostni li l-Avukat ta' Massimo Bonello kien jaf li l-mara, ossija l-istess Maria Louise Pearson li kienet telgħet tixhed u tgħid li hi kienet fuq ix-xarabank, kienet tiġi wkoll il-mara ta' Massimo Bonello;" *(fn. 30 Fol. 38 u 39, risposta tad-19 ta' Settembru, 2019.)*

*u*

"Illi l-esponent konvenut Publius sive Leo Said qed isostni wkoll u dan dejjem mill-bidu nett billi qed jiddikjara li huwa aktar minn ben probabbli li l-istess Avukat ta' Massimo Bonello kien jaf bħala ben fatt li l-klijent tiegħu, ossija Massimo Bonello (I.D. Number 0522073M) kien joqgħod fl-istess appartament tal-istess Maria Louise Pearson..." *(fn. 31 Fol. 31, risposta tad-19 ta' Settembru 2019)*

*Imbagħad il-konvenut innifsu xehed (fn. 32 Xhieda tat-2 ta' Diċembru 2021) li quddiem il-Qorti preseduta mill-Maġistrat Dr. Charmaine Galea, Massimo Bonello kien xehed li kien l-avukat tiegħu li qallu biex iressaq bħala xhud lil Maria Louise Pearson.*

*Minn dan kollu, il-Qorti fehmet, bħalma del resto fehmet meta semgħet il-pubblikazzjoni impunjata, li l-konvenut kien u għadu determinat li juri fl-aħħar mill-aħħar li Dr. John Bonello kien jaf bir-relazzjoni bejnu u Marie Louise Pearson (fn. 33 Ara xhieda ta' Maria Dolores Fenech, l-Assistent Reġistratur tal-Qrati Kriminali) u li konsegwentement kien jaf li kienet qed tixhed falz fil-proċeduri kriminali dwar l-inċident fejn weġġgħet martu Inna Said.*

*Il-Qorti tirribadixxi li mkien fit-traskrizzjoni tal-kliem li jinstema' fil-filmat, ma jirriżulta li l-konvenut qal "***__jekk__** kien Avukat brikkun*" (fn. 34 Fol. 137 xhieda tal-konvenut tat-3 ta' Marzu 2020) u ma rriskontrat l-ebda kwalifika kwalsiasi għall-istqarrija tiegħu li l-attur huwa brikkun u kiser il-liġi, kiser l-etika u gideb quddiem il-Qorti. Tqis ukoll li l-fatt li l-konvenut kien għad irid jikseb informazzjoni dwar min kienu l-avukati f'erbgħa u għoxrin kawża oħra u kien proprju dan l-iskop tat-telefonata tiegħu lil, allegatament, id-Direttur tal-Qorti,* ***ma jnaqqas assolutament xejn mill-imputazzjonijiet speċifiċi u diretti li għamel fil-konfront tal-attur fil-pubblikazzjoni impunjata****. Fi kwalunkwe każ, jiġi ribadit illi dak li kellu f'moħħu l-konvenut qal il-kliem impunjat u tellgħu fuq il-pagna tal-midja soċjali tiegħu, ma huwiex rilevanti għad-determinazzjoni tal-imputazzjoni li tkun qed tiġi impunjata għaliex dak li huwa rilevanti huwa jekk il-qarrej ordinarju jkun fehem l-imputazzjoni impunjata minn qari komplessiv tal-pubblikazzjoni, bl-applikazzjoni tal-prinċipji fuq ċitati.*

"Libel is a tortous act. What does the tort consist in? It consists in using language which others knowing the circumstances would reasonably think to be defamatory of the person complaining of and injured by it. A person charged with libel cannot defend himself by showing that he intended in his own breast not to defame, or that he intended not to defame the plaintiff, if in fact he did both. He has non the less imputed something disgraceful and has none the less injured the plaintiff." *(fn. 35 House of Lords, (1910) AC 20, 24 per Lord Loreburn LC)*

***In konklużjoni, il-Qorti tagħmilha ċar u tirribadixxi li l-jedd għal-libertà tal-espressjoni ma jista' qatt jiġi interpretat bħallikieku jagħti protezzjoni lil min jippubblika kif ġieb u laħaq fuq pjattaforma tal-midja soċjali bħalma huwa Facebook, ta' imputazzjonijiet li huma kapaċi jew li effettivament iħassru r-reputazzjoni ta' individwu. Għall-kuntrarju, peress illi l-midja soċjali hija aċċessibbli minn firxa ħafna iktar wiesa' ta' qarrejja*** *(fn. 36 Kif spjega Dr. Massimo Vella fix-xhieda tiegħu, dan kien post pubbliku li kien aċċessibbli minn persuni li mhux neċessarjament kienu* "friends" *tal-konvenut iżda minn kulħadd)* ***milli mezzi tradizzjonali ta' pubblikazzjoni, il-ħsara li tista' tiġi rekata lir-reputazzjoni ta' persuna oħra tista' tkun irreparabbli. Il-korollarju ta' dan hu illi l-obbligu li dak li jkun jagħmel l-aċċertazzjonijiet u verifiki neċessarji biex jara li dak li jkun qed jiġi ppubblikat huwa fattwalment korrett, talanqas in sostanza, u l-obbligu li l-pubblikatur iwieżen u jgħarbel il-kummenti tiegħu qabel ma jippubblikahom huwa iktar oneruż, anke minħabba l-fatt li l-pubblikazzjoni tista' tibqa' aċċessibbli indefinittivament.***

*Ikkunsidrat;*

*Illi għall-fini tal-likwidazzjoni tad-danni skont l-Artikolu 11 tal-Att, il-Qorti qieset min-naħa waħda, il-gravità tal-imputazzjonijiet magħmula fil-konfront tal-attur u l-fatt illi d-dikjarazzjonijiet impunjati saru fil-konfront ta' persuna li tipprattika professjoni fl-eżerċizzju tal-istess professjoni u mingħajr ma ntwera li dawn jirriflettu l-kondotta fattwali tiegħu; il-fatt li l-imputazzjonijiet ġew pubblikati fuq pjattaforma tal-midja soċjali li hi aċċessibbli fiha nnifisha minn numru indefinit ta' persuni u l-fatt illi effettivament, mill-provi jirriżulta li diversi persuni raw dawn il-filmati; il-fatt li ma saret l-ebda apoloġija lill-attur u l-fatt li dawn il-filmati kkaġunaw fastidju lill-attur. Magħdud dan kollu l-fatt li l-konvenut baqa' jippubblika fuq il-paġna tiegħu fuq Facebook, anke wara li ġiet istitwita l-azzjoni odjerna, mhux biss l-istess filmat impunjat f'din il-kawża (fn. 37 Ara xhieda ta' Dr. Marycien Vassallo, 3 ta' Diċembru 2020 – xehdet li wara li l-filmat ittella' l-ewwel darba fit-22 ta' Lulju 2019, reġa' ġie pubblikat iktar minn darba) iżda wkoll diversi ritratti ta' siltiet minn atti ġudizzjarji formanti parti mill-atti proċesswali ta' din il-kawża fosthom it-traskrizzjoni Dok. X li ġiet annessa mar-Rikors promotur.*

*Min-naħa l-oħra, il-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni wkoll il-fatt illi l-pubblikazzjoni in diżamina ma għadhiex aċċessibbli fuq Facebook. Meta xehed Dr. Massimo Vella 12 ta' Novembru 2020 il-filmat in diżamina ma kienx għadu aċċessibbli (fn. 38 Ara fol. 783.) u dan ġie konfermat minn Dr. Marycien Vassallo li xehdet illi l-filmat ma baqax aċċessibbli mill-paġna tal-konvenut fuq Facebook wara li nħarġet l-Ordni minn din il-Qorti diversament preseduta mill-Maġistrat Victor Axiak fis-16 ta' Jannar 2020 (fn. 39 Ara verbal ta' seduta li nżammet fis-16 ta' Jannar 2020, Dok. X2, fol 832) għalkemm ir-ritratt tat-traskrizzjoni tal-filmat għadu aċċessibbli (fn. 40 Dok. X5, fol. 838. Ritratt imtella' fis-6 ta' Jannar 2020: l-isem tal-attur Dr. John Bonello u l-isem Massimo Bonello ġew mgħottija u ma jidhrux f'dan ir-ritratt)*

*Fil-qies ta' dan kollu, il-Qorti hi tal-fehma li għandha tillikwida s-somma ta' tliet elef Euro (€3,000) in linea ta' danni morali.*

*Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi li filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut, tilqa' t-talba tal-attur, tiddikjara li l-filmat ippubblikat mill-konvenut fuq Facebook fit-22 ta' Lulju 2019 hija libelluża u malafamanti fil-konfront tal-istess attur u tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' tliet elef Euro (€3,000) in linea ta' danni morali. L-ispejjez jithallsu mill-konvenut."*

## <u>L-Appell</u>

6. L-appellant ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fis-26 ta' Mejju, 2022, fejn qed jitlob lil din il-Qorti sabiex tirrevoka s-sentenza appellata, bl-ispejjeż,

filwaqt li tiċħad it-talbiet tal-appellat u tilqa' l-eċċezzjonijiet tiegħu billi wkoll tilqa' l-appell tiegħu bl-ispejjeż kollha kontra l-appellat. Jissottometti li l-aggravji tiegħu huma li l-ewwel Qorti għamlet interpretazzjoni żbaljata tal-liġi u tal-ġurisprudenza fir-rigward tal-preskrizzjoni, iżda wkoll għamlet apprezzament żbaljat tal-fatti kif imfissra mix-xhieda tal-appellat.

7. L-appellat wieġeb fl-20 ta' Ġunju, 2022 fejn sostna li s-sentenza appellata għandha tiġi kkonfermata u l-appell interpost miċħud.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tal-appellant fid-dawl ta' dak li ddeċidiet l-ewwel Qorti, u dan filwaqt li ser tieħu wkoll in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet magħmula mill-appellat fir-risposta tiegħu.

*L-ewwel aggravju:* *[l-ewwel Qorti għamlet interpretazzjoni żbaljata tal-liġi u tal-ġurisprudenza]*

9. L-ewwel aggravju tal-appellant huwa li l-ewwel Qorti għamlet interpretazzjoni żbaljata tal-liġi u tal-ġurisprudenza dwar il-preskrizzjoni. Huwa jagħmel riferiment għall-artikolu 2111 u għall-artikolu 2112 tal-Kodiċi Ċivili, u jissottometti li l-argument tal-ewwel Qorti huwa wieħed fallaċi u mhux ġust, meta din qalet li *"...ma huwiex sewwa li l-parti mħarrka tissorprendi lill-parti attriċi b'dan il-mod bla ma tagħtiha l-opportunità li tirribattiha u meta tkun intemmet il-fażi tat-trattazzjoni".* Huwa jikkontendi li hemm differenza bejn il-liġi u l-morali u jekk l-artikolu 2112 tal-Kap. 16 jipprovdi li l-eċċezzjoni tal-

preskrizzjoni tista' tingħata f'kull ħin, dan huwa dak li tgħid il-liġi sostantiva għalkemm il-fatt jista' jkun mhux sewwa. Għalhekk l-ewwel Qorti għamlet interpretazzjoni żbaljata tal-liġi u tal-ġurisprudenza fuq l-istitut tal-preskrizzjoni, in partikolari l-artikoli 2111 u 2112 tal-Kap. 16. Isostni li fil-każ odjern l-azzjoni ta' libell waqgħet bil-preskrizzjoni ta' sena skont l-artikolu 18 tal-Kap. 579, u dan għaliex mill-*pen-drive* esebit, irriżulta li l-attur kien għamel kopja tal-filmat minn fuq *Facebook* fit-28 ta' Novembru, 2017. Min-naħa tiegħu, huwa kien ippubblika l-konversazzjoni tiegħu allegatament malafamanti u libelluża fil-konfront tal-appellant it-Tnejn 22 ta' Lulju, 2019. *It-tieni parti tal-ewwel aggravju* tal-appellant jirrigwarda l-allegat interpretazzjoni żbaljata tal-artikoli 4 u 5 tal-Kap. 579. Wara li jispjega l-fatti li wassluh sabiex jesprimi l-opinjoni tiegħu fuq *Facebook*, jgħid li kif sewwa qalet l-ewwel Qorti, hija l-pubblikazzjoni kif imtella' mill-appellant stess li għandha tiġi mistħarrġa sabiex jiġi deċiż jekk din hijiex malafamanti u diffamatorja fil-konfront tal-appellat, u kliem u diskors ieħor li ma nstemax, ma jistax jitqies li jagħmel parti minn dik il-pubblikazzjoni mpunjata. Jikkontendi li b'hekk kien veru li fil-pubblikazzjoni jew filmat kien hemm kliem u diskors li ma nstemax, u li kieku nstema aħjar jew ġie mifhum aħjar, l-appellant u/jew terzi persuni ma kienux forsi jħossuhom immalafamati u l-appellat ma kienx iqis il-kliem ippubblikat mill-appellant bħala libellużi. L-appellant jissottometti li skont il-para. (a) tas-subartikolu 4(1) tal-Kap. 579, huwa seta' għamel id-difiża tiegħu fl-azzjoni ta' malafama billi juri li l-imputazzjoni hija sostanzjalment vera. Għalhekk huwa kien ittanta jiġġustifika quddiem l-ewwel Qorti b'kull mezz għad-dispożizzjoni tiegħu, dak kollu li huwa kien għadda minnu inġustament flimkien mal-familjari tiegħu. Huwa kien ittanta jispjega lill-ewwel Qorti li ma kellu xejn kontra l-appellat, u jikkontendi li ma

kinitx ġiet ippruvata ħsara serja lir-reputazzjoni tal-appellat, u lanqas ġiet ippruvata li kien hemm il-potenzjal ta' ħsara. Jikkontendi wkoll li huwa kien ta l-opinjoni tiegħu kif ħassu dwar iċ-ċirkostanzi, dan skont il-para. (a) tas-subartikolu 4(2) tal-istess liġi. Isostni li huwa qatt ma qal b'mod dirett li l-appellat huwa brikkun, iżda ttanta jillamenta li kif seħħew iċ-ċirkostanzi u kif rahom huwa stess, seta' kien hemm xi brikkunati malizjużi minn terzi persuni. Jirrileva li l-appellat seta' fehmu ħażin jew forsi huwa ma spjegax ruħhu tajjeb, iżda żgur li ma kellux il-ħsieb li jagħmel il-ħsara lil xi persuna u dak li għamel kien sabiex joħroġ il-ġid minnha għall-aħjar tat-tmexxija tal-pajjiż kollu, u sabiex l-azzjonijiet ma jerġgħux isiru darb'oħra. L-appellant jgħid li skont is-subartikolu 4(3) tal-Kap. 579, l-appellat ma kienx wera lill-Qorti li huwa ma kellux dik l-opinjoni tad-difiża kif imfissra fis-subartikolu (2). L-appellant jgħid li huwa kien deherlu li kif ġraw l-affarijiet fil-każ tal-mara tiegħu, kien hemm rilevanza u materja ta' interess pubbliku mhux fir-rigward tal-appellat, iżda fir-rigward tal-pubbliku in ġenerali, imma l-mod kif ġie spjegat minnu fuq *Facebook,* ma kienx wieħed tajjeb u intiż. Jgħid li fil-fatt il-każ ta' Inna Said u ta' Marie-Louise Pearson kien ingħata prominenza u pubbliċità fil-gazzetti lokali, u jsostni li l-gazzetti huma *medium* stabbiliti lokalment. Jissottometti li skont is-subartikolu 4(5) tal-Kap. 579, id-difiża li huwa ttanta jagħmel, u dan forsi mhux b'mod korrett għall-aħħar, kienet tirrigwarda persuna li għandha professjoni skont il-para. (ċ). Jgħid li anki l-materja konċernata kienet ta' interess pubbliku ġenerali skont l-artikolu 5 tal-Kap. 579. L-appellant jilmenta li l-ewwel Qorti kellha tkun sodisfatta illi l-punti li huwa qajjem jew ipprova jqajjem bħala difiża, kienu meħtieġa għall-amministrazzjoni tal-ġustizzja kif spjega qabel. Huwa jirrileva li f'azzjoni ta' malafama taħt l-Att, huwa kellu d-dritt li jissottometti bħala difiża

kull raġuni għal mitigazzjoni ta' danni, li ftit li xejn sar riferiment għaliha. Jgħid li huwa seta' jitlob ukoll li kwalunkwe opinjoni espressa minnu kienet opinjoni onesta u jekk din id-difiża tintlaqa' mill-Qorti, din kienet twassal għaċ-ċaħda tal-azzjoni. Jgħid li huwa seta' jissottometti talbiet li l-pubblikazzjoni ma kinitx waħda malafamanti, u li l-fatti msemmija huma veri mill-punto di vista tiegħu bħala opinjoni. Iżda dan m'għamlux minħabba nuqqas ta' għarfien fil-liġi tal-proċedura u tal-Kap. 579, waqt li huwa kien qed jagħti x-xhieda tiegħu.

10. L-appellat jilqa' billi qabel xejn jissottometti li fil-proċeduri odjerni ma saret l-ebda eċċezzjoni formali ta' preskrizzjoni, u għalhekk l-ewwel Qorti imxiet bl-aktar mod korrett hekk kif waqt it-trattazzjoni finali l-avukat difensur tal-appellant beda jallega li l-pubblikazzjoni mpjunjata kienet tmur lura għas-sena 2017, u spjega kif l-istess avukat difensur kien wasal għal din il-konklużjoni. Jissottometti li l-Qorti hawn għandha għażla jekk temminx lill-appellant fejn l-animu odjuż tiegħu joħroġ ċar mill-atti proċesswali, jew jekk temminx lill-appellat u lill-Avukat Massimo Vella, li xehdu dwar meta raw il-pubblikazzjoni mpunjata. Jirrileva li l-perijodu ta' preskrizzjoni ta' sena stabbilit mill-artikolu 18 tal-Kap. 579 huwa wieħed perentorju, u għalhekk ta' dekadenza, kif jirriżulta mis-subartikolu 13(3) tal-Kap. 579. Jikkontendi li għalhekk l-eċċezzjoni trid tingħata *in limine litis* u mhumiex applikabbli d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 2112 tal-Kap. 16, anki għaliex *lex specialis derogat generalis.* Jgħid li l-miskja li l-appellant qed jittanta joħloq, toħroġ ċar meta fl-aħħar tas-sottomissjonijiet tal-aggravju tiegħu, *ex admissis* jgħid li *"[i]l-konvenut ippubblika il-konversazzjoni tiegħu allegatament malafamanti u libelluża fil-konfront tal-Avukat John Bonello it-Tnejn 22 ta' Lulju 2019",* fatt li l-partijiet kienu qegħdin jaqblu dwaru u tant li l-appellant stess l-għada ntavola l-azzjoni odjerna. Dwar it-tieni parti

tal-ewwel aggravju tal-appellant, l-appellat jissottometti li l-appellant ma kien għamel l-ebda sottomissjoni fir-risposta tiegħu dwar dak li kien qed jissolleva. Jikkontendi li hija l-pubblikazzjoni kif saret mill-appellant li għandha tiġi kkunsidrata, u jiċċita dik il-parti li huwa jikkunsidra malafamanti fil-konfront tiegħu. L-appellat jirrileva li l-appellant ma kien għamel l-ebda eċċezzjoni sabiex iressaq id-difiża li l-fatti huma sostanzjalment veri, u dan filwaqt li donnu qed jagħti x'jifhem li huwa sostanzjalment veru li l-appellat qabbad lin-nies sabiex joqtlu lil ħaddieħor. Jgħid li l-appellant saħansitra imellaħ il-ferita meta jgħid li l-allegazzjonijiet *"ma jikkawżaw ebda ħsara serja lir-reputazzjoni tal-attur",* iżda l-ħsara ma tantx kienet teħtieġ prova għaliex il-libell huwa ċar u wara kollox ġiet ippruvata bix-xhieda ta' Kurt Gafà, l-*insurance broker* tal-appellat, u anki permezz ta' xhieda oħra. Jikkontendi li *reputational damage* u *adverse media* huma bażilari għal professjonista, u kienet pależi l-ħsara tad-diskors fieragħ tal-appellant u l-ġustifikazzjonijiet irrilevanti tiegħu. Jekk imbagħad l-appellant xtaq jibgħat xi messaġġ jew jikkritika xi sistema, huwa ma kellux idaħħal lill-appellat fin-nofs.

11. Il-Qorti taqbel mal-fehma kif espressa mill-ewwel Qorti, u tgħid li din imxiet sew meta warrbet il-kwistjoni ta' preskrizzjoni li ġiet sollevata mill-avukat difensur tal-appellant waqt it-trattazzjoni finali tal-proċeduri fl-ewwel istanza. Kif sewwa tirrileva l-ewwel Qorti, kif huwa risaput, eċezzjoni bħal din ma tistax titressaq bħala argument jew sottomissjoni waqt it-trattazzjoni finali, sabiex b'hekk il-parti l-oħra tiġi rinfaċċata f'daqqa waħda b'kwistjoni mingħajr l-opportunità li tirribattiha. Tgħid li l-appellant ma kellux jiġi sorpriż b'dan il-mod b'kwistjoni li setgħet iġġib fix-xejn l-azzjoni tiegħu, b'mod li ma kellu l-ebda opportunità li jirribattiha anki permezz ta' provi kuntrarji. Huwa tassew minnu

li l-appellant kellu kull dritt skont l-artikolu 2112 tal-Kodiċi Ċivili li jissolleva l-kwistjoni f'kull ħin tal-proċeduri, iżda ċertament il-leġislatur ma kellux il-ħsieb li eċċezzjoni bħal din tista' tingħata b'mod li l-parti l-oħra tiġi mċaħħda mid-difiża tagħha billi tinħoloq inġustizzja serja fil-konfront tagħha. Għaldaqstant l-ewwel Qorti mxiet sew u ġust meta ddeċidiet li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-kwistjoni ta' preskrizzjoni kif sollevata mill-avukat difensur tal-appellant waqt it-trattazzjoni finali tiegħu. Dwar *it-tieni parti tal-ewwel aggravju*, il-Qorti tgħid li anki hawn l-ewwel Qorti kienet korretta fid-deċiżjoni tagħha. L-ewwel Qorti għarfet mill-ewwel li l-appellant naqas milli jressaq difiża taħt l-artikolu 4 u/jew taħt l-artikolu 5 tal-Kap. 579, u għaldaqstant ma kkunsidratx li għandha tinvestigahom minn jeddha. L-appellant jiskuża lilu nnifsu billi jgħid fir-rikors tiegħu li dan m'għamlux minħabba nuqqas ta' għarfien tal-liġi tal-proċedura u tal-Kap. 579 waqt ix-xhieda tiegħu. Iżda l-Qorti tgħid li hawn ukoll l-appellant naqas li jagħraf il-prinċipju li ma jistax jinġieb bħala difiża n-nuqqas ta' għarfien tal-liġi. L-ewwel Qorti mbagħad għarfet li minflok l-unika difiża rilevanti mressqa mill-appellant li hija setgħet tislet minn dawk is-sottomissjonijiet kollha ripetuti u fil-fehma tagħha fil-parti l-kbira irrilevanti, kienet li l-istqarrijiet tiegħu fil-konfront tal-appellat kienu dejjem ikkwalifikati minn dak li kien qed jingħad bejnu u l-persuna l-oħra fit-telefonata li nstemgħet fil-pubblikazzjoni, jiġifieri d-dritt tiegħu li jsir jaf min kienu l-avukat fl-erbgħa u għoxrin kawża oħra. Din il-Qorti tirrileva li l-istess qiegħed jittenta jagħmel hawnhekk l-appellant, fejn jintilef f'ħafna argumenti li m'għandhom x'jaqsmu xejn mad-disposizzjonijiet tal-artikoli msemmija. Huwa saħansitra jittenta jbenġel kliemu billi jdaħħal dubji dwar kif dawn għandhom jinftehmu, u li la kienu ntiżi sabiex jagħmlu ħsara serja imma anki li ma kellhomx konsegwenzi ulterjuri ta' ħsara serja fuq ir-

reputazzjoni tal-appellat, li jikkontendi wara kollox li ma ġietx ippruvata mill-istess appellat. Iżda l-Qorti tgħid li hawnhekk l-appellant qed jonqos milli jikkunsidra li d-disposizzjonijiet tas-subartikolu 3(4) tal-Kap. 579 mhumiex limitati għal ħsara serja, iżda jipprovdu wkoll għal ċirkostanzi fejn l-istqarrija diffamatorja tista' tagħti lok għal ħsara serja. L-ewwel Qorti kkunsidrat sew u fit-tul dan il-punt, u waslet għall-konklużjoni korretta li l-istqarrijiet li għamel l-appellant *"...huma stqarrijiet li inevitabbilment huma kapaċi jirrekaw ħsara serja lir-reputazzjoni tal-attur".* Din il-Qorti ma tistax ma tikkondividiex il-fehma tal-ewwel Qorti li l-istqarrijiet impunjati jistgħu jwasslu faċilment għal ħsara serja lir-reputazzjoni tal-appellat, permezz tal-influwenza li jistgħu iħallu mhux biss fuq il-klijenti preżenti u prospettivi tiegħu, iżda anki fuq l-istituzzjonijiet li b'mod inevitabbli huwa jkollu x'jaqsam magħhom fix-xogħol tiegħu ta' kuljum, inklużi banek u kumpanniji ta' assikurazzjoni, u iżżid tgħid wkoll din il-Qorti, dawn il-Qrati stess. Il-Qorti tosserva li ma jidhirx li l-appellant qiegħed jikkontesta l-fehma tal-ewwel Qorti fuq dan il-punt, u minflok jittanta jargumenta li l-intenzjoni tiegħu kienet waħda tajba sabiex jagħmel il-ġid għall-aħjar tmexxija tal-pajjiż, u sabiex l-azzjonijiet allegati u lamentati minnu ma jerġgħux jirrepetu ruħhom. Madankollu jgħid li l-ewwel Qorti kienet injorat punt legali ieħor, fejn hija kellha tkun sodisfatta li l-punti li qajjem jew ipprova jqajjem l-intimat bħala difiża, kienu meħtieġa għall-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja. Iżda l-Qorti tagħraf li kif sewwa jirrileva l-appellat hawnhekk, dan seta' sar mingħajr ma jissemma ismu. Hawnhekk l-appellant iqajjem ukoll id-difiża tal-interess pubbliku, billi jirrileva li l-appellat ma weriex lill-Qorti li huwa ma kellux dik l-opinjoni onesta kif rikjesta mis-subartiklu 4(2) tal-Kap. 579, u li min-naħa l-oħra jikkontendi li kien hemm rilevanza u materja ta' interess pubbliku, iżda l-

ispjegazzjonijiet tiegħu fuq *Facebook* m'għamilhomx sew. Din il-Qorti tirrileva li l-appellant qiegħed għall-ewwel darba f'dawn il-proċeduri jqajjem din id-difiża. Tqis li dan isegwi mill-fatt li l-appellant kif diġà ngħad, ma ressaqx id-difiża tal-verità u tal-opinjoni onesta, għaliex il-*proviso* tas-subartikolu 4(5) tal-Kap. 579, jorbot l-imsemmija difiża ma' dik li jipprovdu għaliha l-ewwel żewġ subartikoli tal-istess artikolu 4. Għaldaqstant il-Qorti fid-dawl ta' dak li ġie kkunsidrat aktar 'il fuq, meħud ukoll in konsiderazzjoni dak li qalet l-ewwel Qorti, ma tarax li għandha tinvestiga l-allegazzjoni li qiegħed jagħmel l-appellant hawnhekk.

*It-tieni aggravju:* *[l-ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-fatti u tal-provi]*

12. L-appellant jikkontendi li fl-ebda ħin u bl-ebda mod huwa kien tkellem kontra l-appellat waqt it-telefonata li kellu ma' Frank Mercieca. Jirrileva li l-appellat saħansitra naqas milli jsemmi fiċ-ċitazzjoni tiegħu l-kliem libellużi u malafamanti ndirizzati lejh jew fil-konfront tiegħu, u lanqas ma tniżżlu fit-taħrika. Jgħaddi sabiex jispjega każ partikolari fejn huwa kien għamel rapport mal-Pulizija kontra l-appellat, u anki rapport ieħor fil-konfront tal-Ispettur Theresa Sciberras. Iżda fl-ebda ħin ma kien esprima ruħhu b'mod dirett illi l-appellat huwa "brikkun, kiser il-liġi u kiser l-etikett". Spjega li huwa kien qal b'mod ċar li xtaq jirrapporta lil Frank Mercieca u mhux lill-appellat, iżda dan il-fatt ġie injorat mill-ewwel Qorti. Jikkontendi li t-traskrizzjoni tal-konversazzjoni tiegħu ma' terza persuna ma saritx permezz ta' espert tekniku. Jgħid li l-ewwel Qorti stqarret li kellha ssir talba formali sabiex issir il-ħatra ta' espert tekniku ġudizzjarju, u li fil-fatt ma saritx min-naħa tal-appellant, u kien fit-trattazzjoni finali li huwa għamel talba għall-konstatazzjoni teknika esperta. Jirrileva wkoll li

l-ewwel Qorti osservat li huwa kien naqas milli jipproduċi prova ta' opinjoni esperta *ex parte.* Filwaqt li jiċċita l-artikolu 644 tal-Kap. 12, isostni li l-argument tal-ewwel Qorti ma kienx ireġi mija fil-mija, għaliex hija kellha s-setgħa u għalhekk setgħet tordna minn jeddha l-prova bil-mezz tal-ħatra tal-perit jew periti tat-traskrizzjoni Dok. X. L-appellant jgħid ukoll li kellu jiġi maħtur perit espert sabiex jiġi evitat kull suspett li kien hemm jew li seta' kien hemm. Huwa kien ilmenta mill-fatt li l-appellat naqas milli jittraskrivi wkoll dak li ntqal mill-persuna l-oħra fit-telefonata li tinstema' fil-pubblikazzjoni mpunjata, u għalhekk l-appellant kien argumenta li dak li ngħad ma kienx kollu traskritt f'Dok. X. L-appellant jgħid li skont l-ewwel Qorti, huwa kien deher u nstema' jgħid fil-filmat li "Il-video jien għamiltu", u dan għaliha kien ifisser li l-element tal-pubblikazzjoni tal-istqarrijiet impunjati kien ippruvat. Jistqarr li huwa ma kienx jaqbel ma' dan l-argument, u dan għaliex kif diġà fisser l-appellat, ma kienx għamel riferiment eżatt għal dak li video li kien qed jirreferi għalih. L-appellant filwaqt li jagħmel riferiment għas-sentenza ċitata mill-ewwel Qorti fl-ismijiet **Jeynes v News Magazines Ltd [2008] EWCA**, jistaqsi kif tista' tkun l-istqarrija malafamanti u libelluża fil-konfront tal-appellat meta l-istess ma kinitx ġiet ipproċessata minn perit legali, u kien hemm dubju serju li din ma kinitx tirrifletti d-diskors kollu tiegħu u tat-terza persuna li magħha huwa kien qiegħed jitkellem. L-intimat tgħid li l-ewwel Qorti esprimiet il-fehma li huwa għandu kull jedd jasal għall-konklużjonijiet tiegħu dwar il-kondotta tar-rikorrent u dwar dak li għamel jew m'għamilx fil-kors tal-eżerċizzju tal-professjoni tiegħu, imma dan kien wara kollox proprju dak li għamel. L-appellant ikompli billi wara li jagħmel riferiment għal dak li qalet l-ewwel Qorti fir-rigward tal-ħsara lir-reputazzjoni tal-appellat, u jikkontendi li huwa jew għandu jew m'għandux jedd jesprimi

ruħhu fuq *Facebook.* Isostni li huwa qatt ma ndirizza direttament lill-appellat, imma kien qed ifittex id-drittijiet tiegħu sabiex jitkixxef min kienu l-avukati fil-kawżi li kellu l-Qorti, meta kien qed jitkellem ma' Frank Mercieca. Jissottometti li rilevanti hija l-osservazzjoni tal-ewwel Qorti li l-appellant oġġezzjona għall-fatt li l-appellat kien naqas milli jipproduċi fl-atti l-konversazzjoni telefonika sħiħa, u sostna li kellu jissejjaħ fil-kawża d-Direttur Ġenerali tal-Qorti ta' dak iż-żmien. L-appellant jissottometti li l-ewwel Qorti njorat għal kollox il-fatt li huwa kien esprima r-raġunijiet tiegħu indirettament dwar is-suspett raġonevoli li kellu li l-appellat kien kiser il-liġi jew l-etika. Jispjega li fit-telefonata huwa fil-fatt kien ta ħafna aktar dettalji dwar il-fatti li seħħew maż-żmien bejnu u bejn l-appellat, fatti li jikkontendi ġew injorati għal kollox, u oħrajn inqatgħu fit-telefonata stess u jista' ikun saħansitra li qatagħhom l-appellat stess anki bi żvista jew xort'oħra. L-appellant jgħid li l-ewwel Qorti stqarret li hija ma kinitx qegħda temmnu li huwa ma kienx jaf li qiegħed jiġi rrikordjat, u li kien qiegħed jirrikordja lilu nnifsu, iżda jikkontendi li faċilment wieħed jista' ma jkunx jaf li qiegħed jirrekordja lilu nnifsu, speċjalment meta wieħed ikun illiterat fl-użu tal-*Facebook.*

13. L-appellat iwieġeb billi jirrileva li huwa ben magħruf li qorti f'grad ta' appell ma tiddisturbax faċilment l-apprezzament tal-provi tal-ewwel qorti. Dwar il-kontenzjoni tal-appellant, l-appellat jgħid li jirriżulta b'mod ċar mit-tipa grassa tat-traskrizzjoni a *fol.* 2, iżda anki mix-xhieda tiegħu, liema parti tal-pubblikazzjoni huwa jqis li hija libelluża. Dwar l-argument tal-appellant li l-imsemmija traskrizzjoni ma saritx minn persuna esperta, l-appellat jgħid li bħal dak li qallu lill-appellant, li tkun avukat mhuwiex kwalifika biżżejjed biex tassumi responsabbiltà ta' traskrizzjoni. Fakkar li meta xehed l-appellant, huwa kien stqarr li t-traskrizzjoni kienet korretta, u m'hemmx kontestazzjoni dwarha.

Għall-bqija tas-sottomissjonijiet tal-appellant, l-appellat jgħid li dawn huma fiergħa.

14. Il-Qorti tikkunsidra li din hija l-ewwel darba fil-proċeduri odjerni li l-appellant qiegħed iqajjem din il-kwistjoni dwar l-allegat nuqqas min-naħa tal-appellat li jindika fir-rikors promotur tiegħu liema huma l-kliem li huwa jikkunsidra libellużi u malafamanti fil-konfront tiegħu, u għal liema vidjeo huwa kien qiegħed jirreferi. Tikkunsidra wkoll li l-appellant kellu kull opportunità li jagħmel dan fl-ewwel istanza, iżda għal xi raġuni ddeċieda li jissolleva kwistjoni daqstant importanti proprju f'dan l-istadju tal-appell. Tirrileva li huwa prinċipju sew risaput li m'għandhomx jiġu ttrattati kwistjonijiet ġodda quddiem din il-Qorti, għaliex b'hekk il-parti li kontrihom ikunu qegħdin jitressqu, tkun qegħda tiġi mċaħħda mid-dritt tad-doppju eżami. Għaldaqstant il-Qorti ser tastjeni milli tikkunsidra l-kwistjoni sollevata mill-appellant. Iżda fl-istess nifs l-appellant ikompli jargumenta wkoll b'mod kontradittorju għall-aħħar, li huwa fl-ebda ħin ma kien qal b'mod dirett li l-appellat huwa "brikkun, kiser il-ligi u kiser l-etika". Il-Qorti għal darb'oħra tagħraf li sabiex jiddefendi ruħhu, l-appellant qiegħed jittanta jdawwar il-kliem tal-istqarrijiet tiegħu sabiex jinftehmu mod ieħor. Iżda kliemu kien daqstant ċar, li m'hemm l-ebda lok għal dubju dwar l-intendiment tagħhom u lejn min kienu ndirizzati. L-ewwel Qorti għarfitu dan, tant li ma daħlitx fil-fond u fit-tul wisq fil-kwistjoni li qiegħed jissolleva l-appellant, proprju għaliex ma kellhiex għalfejn, u saħansitra osservat li għal dak li jirrigwarda t-traskrizzjoni Dok. X *"...l-konvenut jiddikjara li hija korretta u mhux kontestata"* u *"[i]l-konvenut ma jikkontestax illi effettivament, ir-referenza għal 'l-Avukat John Bonello' fir-recording tat-telefonata hija referenza proprju għall-attur..."*. Għalhekk ċertament l-ilment tal-appellant hawnhekk ma jirriżultax ġustifikat.

Huwa jikkontendi wkoll li t-traskrizzjoni kellha ssir permezz tal-ħatra ta' espert tekniku ġudizzjarju. Il-Qorti hawn ukoll tosserva li l-ebda eċċezzjoni ma tressqet mill-appellant sabiex jikkontesta t-traskrizzjoni Dok. X kif ippreżentata mill-appellat, u għalhekk ma tarax li dan għandu jsir f'dan l-istadju tal-proċeduri. Barra minnhekk, l-appellant lanqas talab li jiġi maħtur espert tekniku ġudizzjarju sabiex b'hekk huwa jipprova d-diversi allegazzjonijiet tiegħu, fosthom dik prinċipali li t-traskrizzjoni ħalliet barra xi diskors li kien sar, u li ma kellux ikun l-appellat stess li jħejji t-traskrizzjoni stante kunflitt ta' interess. Huwa jittanta li jitfa' ir-responsabbiltà għal dan fuq l-ewwel Qorti, iżda din il-Qorti tqis li l-appellant ma setax jippretendi u jistenna li dik il-Qorti tassistih fid-difiża tiegħu. Dan il-Qorti tgħidu wkoll fir-rigward tal-allegazzjoni tiegħu li huwa ma kienx jaf li kien qiegħed jiġi rikordjat, għaliex kien jispetta lilu li jressaq il-prova opportuna.

Għaldaqstant il-Qorti tikkunsidra dan l-aggravju mhux ġustifikat, u tiċħdu.

*It-tielet aggravju:* *[il-piena mogħtija mill-ewwel Qorti hija eċċessiva]*

15. L-appellant jgħid li huwa jinsab aggravat bil-piena li mponiet fuqu l-ewwel Qorti għaliex jikkontendi li din hija waħda eċċessiva, iżda wkoll jinsab aggravat għaliex l-ewwel Qorti ordnat li huwa għandu jħallas l-ispejjeż.

16. L-appellat jilqa' billi jissottometti li fid-dinja ta' llum fejn kollox jistrieħ fuq ir-reputazzjoni, il-piena hija biss *token.*

17. Il-Qorti tgħid li d-deċiżjoni tal-ewwel Qorti hija waħda tajba u l-konsiderazzjonijiet pjuttost eżawrjenti. Filwaqt li l-ewwel Qorti għamlet

riferiment għall-artikolu 11 tal-Kap. 579, ikkunsidrat (a) il-gravità tal-imputazzjonijiet magħmulin mill-appellant fil-konfront tal-appellat; (b) dawn saru fil-konfront ta' persuna li tipprattika professjoni u fl-eżerċizzju tal-istess, u mingħajr prova li dawn tassew jiddeskrivu l-kondotta tiegħu; (ċ) il-fatt li l-imputazzjonijiet ġew ippubblikati fuq pjattaforma tal-midja soċjali aċċessibbli min-numru ndefinit ta' persuni; (d) li diversi persuni raw il-filmati; (e) li ma saret l-ebda apoloġija; (f) il-filmati taw fastidju lill-appellat; u (ġ) il-fatt li l-appellant baqa' jippubblika fuq il-paġna tiegħu fuq *Facebook,* anki wara li ġew intavolati l-preżenti proċeduri, kemm il-filmat impunjat, u anki diversi ritratti ta' siltiet minn atti ġudizzjarji li jinstabu fl-atti proċesswali tal-kawża odjerna, fosthom it-traskrizzjoni Dok. X. Ikkunsidrat ukoll il-fatt li l-pubblikazzjoni in kwistjoni ma kinitx għadha aċċessibbli fuq *Facebook,* għalkemm ir-ritratt tat-traskrizzjoni tal-filmat kien għadu jidher. Fid-dawl ta' dan kollu, l-ewwel Qorti għaddiet sabiex illikwidat is-somma ta' €3,000 bħala danni morali. Il-Qorti tagħmel tagħha dawn il-konsiderazzjonijiet, li jieħdu kont tal-fatti kollha riżultanti u rilevanti għal-likwidazzjoni ta' danni morali u tgħid li hija m'għandha xejn aktar x'iżżid.

18. Għaldaqstant il-Qorti ssib dan l-aħħar aggravju mhux ġustifikat u tiċħdu wkoll.

<u>**Decide**</u>

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellant billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-ewwel istanza jibqgħu kif deċiżi, u dawk tal-appell odjern għandhom ukoll jitħallsu mill-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**